# TIFKIRA

PARROĊĊA
SAN GUŻEPP
MSIDA



**FTUĦ U TBERIK
TAX-XOGĦOL TAL-KOPPLA
12-13 ta' Lulju 1982**




Enquiries: Tel. 624109



# IL-LITURGIJA U L-ARTI SAGRA

## MESSAGG MILL-KAPPILLAN DUN GUZEPP PACE

"X'inhu l-bniedem biex tiftakar fih,
bin il-bniedem, biex tahseb fih?

Ghamiltu ftit inqas minn Alla,
bis-sebh u l-gmiel zejjintu...
qeghedtu fuq l-eghmejjel kollha ta' idejk!"
(Salm 8, 5-7)

Il-kobor tal-bniedem f'ghajnejn Alla mhux il-fatt li l-bniedem hu l-kreatura l-iktar b'sahhitha li ghamel, l-inqas ghaliex hija l-izjed li tghix fl-ghomor.....izda ghaliex Hu halaq il-bniedem "Xbieha Tieghu"...ghaliex Hu zejjnu b'intelligenza li tirrifletti l-kobor u l-gherf tal-Hallieq Innifsu.

Infatti, jekk inharsu dawra madwarna, naraw kemm hu uniku l-bniedem fil-holqien ghaliex hu biss, fost il-holqien kollu, li kapaci jikkommunika bil-kliem, hu biss li jahseb biex jipprogetta l-pjanijiet tieghu...hu biss jista' jwettaq il-progress tul iz-zmienijiet.

Din il-hila li biha l-bniedem hu mzejjen minn Alla hi xi haga li l-Knisja tagharaf u tfahhar lill-istess Alla ghaliha. U wiehed mill-modi kif hija taghmel dan hu propju billi hija tuza l-arti tal-bniedem biex, filwaqt li zzejjen it-Tempji taghha, tghin lil bniedem - li hu maghmul minn gisem u ruh! - biex hu jerfa' hsibijietu lejn Alla.

L-arti Sagra, ghalhekk, mhix sempliciment tizjin...mhiex sempliciment opra...izda fuq kollox hija espressjoni tal-fidi, hija ghajnuna hajja biex ahna nikbru fl-imhabba taghna lejn Alla...hija SINJAL li qed jaghtina Alla biex nagharfuh dejjem izjed.

Ahna Misidjani ghandna l-grazzja li t-Tempju tal-Parrocca hu mzewwaq b'arti Sagra maghmula mill-ahjar artisti Maltin...u zgur li dan hu l-iktar importanti, li lkoll innisslu f'min ihares lejhom b'sens ta' fidi u talb, sens religjuz profond li jwassal lil dak li jkun 'l fuq mill-hwejjeg tad-dinja...u zgur li titnissel fih ix-xewqa qaddisa

li, bhal dawk il-qaddisin iffigurati fil-kwadri, hu wkoll ghad imur igawdi 'l Alla ghal dejjem.

Nirringrazzjaw, ghalhekk, lil Alla li nqeda bil-generosita' taghkom lkoll biex ghenna nzejjnu kif jixraq it-Tempju Mqaddes Tieghu...filwaqt li nitolbu li tul hajjitna ma nonqsux ukoll li nzejjnu l-aqwa tempju: t-tempju taghna stess biex Alla dejjem jghammar fina.

Naghlaq billi nirringrazzja lil dawk kollha li b'mod jew iehor u b'dedikazzjoni kbira ghinnu mhux ftit biex din l-opra fil-Knisja setghet issehh.

San Guzepp ibierek lil kulhadd!

IL-KAPPILLAN


**JOSEPH AQUILINA**

231, VICTORY STREET, QORMI — TEL: 47394



Għal kull kwalita' ta' xogħol ta' metal.
Gaġeġ tal-fniek u tat-tiġieġ, trunking u channels għall-elettriku, landi għad-dulċiera, ferro battuto, xogħol ta' ram, eċċ.
Nispeċjalizzaw fil-kostumi tas-suldati Rumani u f'diversi oġġetti li jintużaw fil-purċissjonijiet.

FORNITURI GHALL-KNEJJES

B'OPRI SAGRI FL-IRHAM, BRONZ, INJAM U FIDDA
DEHEB TA' L-INDURATURA
QNIEPEN U ARLOGGI GHALL-KNEJJES
"ACHILLE MAZZOLA"

THEUMA CO. LTD.
THEUMA HOUSE, 302 ST. PAUL STR., VALLETTA. TEL: 626105



## MESSAGG MINN MONS. ANTON PACE
EX-KAPPILLAN TAL-PARROCCA

**Misidjani gheziez,**

Gejt mistieden inwasslilkom dan il-messagg, mhux aktar bhala Kappillan taghkom imma wiehed minnkom, li jammirakom meta taghtu l-ewwel post lill-Patrun taghna, San Guzepp, fil-hajja ta' kuljum u aktar w aktar, fl-okkazjoni tal-granet sbieh tal-Festa.

Issa, li x-xoghol lest, meta tidhlu l-Knisja, wara li sselmu kif jixraq lil Gesu' fit-Tabernaklu, l-harsa taghkom tibqa' tiela' 'l fuq, 'il fuq lejn is-sbuhija majestuza tal-koppla fejn taraw lill-San Guzepp jurikom il-glorja li qieghed ihejji ghalikom jekk tfasslu hajjitkom fuq Tieghu, mument b'mument, b'fidi shieha, tama qawwija u mhabba safja lejn Gesu' li Tieghu huwa l-Missier Putativ.

Kuragg, gheziez Misidjani, f'kull waqt ta' hajjitkom, specjalment f'hinijiet difficli, harsu minn fejn tkunu lejn dik il-koppla, ftakru li ghal darb'ohra, hemm gew, San Guzepp qieghed ihares lil Gesu' u lilkom; fittxuh bil-herqa itolbuh fiducjuzi, thallu xejn itellifkom id-dehra Tieghu, kif huwa qatt ma' tilef l-ghaqda mar-rieda tal-Hallieq li Ghazlu biex ihares il-Knisja matul iz-zminijiet kollha.

Ibqghu devoti ta' San Guzepp, biex meta Gesu' isejhilkom, huwa stess iwassalkom biex tgawdu ghal dejjem, Mieghu, d-dehra t'Alla, ma' Marija, fis-sema.

---


GHALL-XOGHOL TA' RHAM MILL-IFJEN, MILL-ISBAH, MILL-AQWA U MALAJR,

Irrikorru: DEBONO & FARRUGIA MARBLE WORKS
40 TIMBER WHARF, MARSA
TEL: 28457

Meta giet mahtura l-Kummissjoni Amministrattiva fi Frar 1973, mill-ewwel kien hemm l-ideja li jinbeda x-xoghol fuq il-koppla. Dan ghaliex billi l-Knisja kollha kienet diga' lesta mill-pittura, l-koppla kienet qieghda tistona mal-kumplament tal-knisja. Imma kif jigri dejjem, kulhadd johlom, u wara meta jirrealizza l-fatti kif inhuma, joqghod jahseb, u jara li mill-kliem ghall-fatti hemm bahar jaqsam, u kulhadd jaf jibni kastelli fl-arja. Ghadda ftit taz-zmien u fis-sena 1974 waqt laqgha tal-istess Kummissjoni regghet giet diskussa l-koppla. Sar hafna studju u billi diga' kien hemm xi fondi mhollija mill-Prokura ta' Dun Anton Abela (£M1100 + £M828.18,7) wiehed seta' jikkunsidra bis-serjeta' pjan biex dan ix-xoghol ikun jista' jinbeda bil-mod, minghajr ma jaghfas fuq il-parrocca bla bzonn. Mill-banda l-ohra, certi mill-ko-operazzjoni u mill-generozita' tal-Misidjani konna nafu li dan il-holm xi darba seta' jsir realta'. Mbuttati mill-fatt li kull min izur il-knisja, specjalment turisti, kienu jsaqsu ghaliex din il-parti tal-knisja kienet thalliet hekk, kif ukoll il-fatt li kollox beda joghla minhabba inflazzjoni mondjali, kellna mmiddu ghonqna ghax-xoghol, u tajna bidu ghal dan il-progett. Dan ix-xoghol thabbar ezatt qabel il-festa ta' San Guzepp tal-1974. Kif ghaddiet il-festa ta' San Guzepp ta' dik is-sena u mill-ewwel bdejna nahsbu kif ser ikun imqassam dan il-progett. L-ewwel ma ried isir kien ix-xoghol minn barra.



IX-XOGHOL MINN BARRA.

IL-KOPPLA TIDHER WARA LI GIET MNADDFA U KIENET QED TINGHATA Z-ZEBGHA.

Dan minhabba l-fatt li kienu jidhru xi konsenturi qawwija fil-bini, li setgha saru bil-blast tal-bombi tal-gwerra li waqghu fil-vicin, kif ukoll kien hemm bzonn ta' tindifa generali tal-gebel u tad-deffun li jiksi l-koppla minn barra. Bil-ghajnuna tal-Perit Louis A. Naudi ghamilna diversi testijiet fuq materjali apposta, u wara li dawn gew ippruvati anke fuq l-istess bejt tal-knisja, ddecidejna li minn barra l-koppla kollha kellha titnaddaf, u wara titkahhal sewwa fejn kien hemm bzonn. Minn ghand id-ditta General Trading Agency, xtrajna materjali biex nghalqu l-pori tal-gebla u wzajna l-materjal "Wetexi". Billi ridna li d-deffun jinghata kulur tradizzjonali ahmar, minn ghand l-istess ditta xtrajna zebgha plastika "Reebdeck" li giet imqieghda fuq il-koppla f' diversi passati. Dan ix-xoghol sar mill-ahwa Cilia ta' Hal-Luqa u nbeda fit-28 ta' April 1975. Kulhadd jiftakar meta fit-18 ta' Mejju 1975 konna ghamilna wirja ta' dawn il-materjali fuq iz-zuntier u kienet saret gabra li lilna ma kenitx ghamlitilna kuragg kbir ghax gbarna biss xi £M30. Imma ftakru li bil-qatra l-qatra timtela' l-garra u t-tama taghna ma kenitx fil-bnedmin biss. Konna konvinti ghax nemmnu fil-Providenza t' Alla u f' San Guzepp li flus ghad jibdew gejjin. Meta tlestiet il-koppla minn barra nzebghu ukoll it-twieqi u nbidel il-hgieg kollu tal-anterna biex insalvaw dak li konna ghamilna u fl-istess hin biex insebbhu l-koppla bid-dawl fil-jiem tal-festa. Flimkien mad-ditta mill-Imsida "Pantalesco" gibna sistema ta' dawl permanenti "Inlight" u b'hekk evitajna t-twahhil tal-imsiemer ta' kull sena. Dan id-dawl gie mqieghed f'postu mis-Sur Victor Camilleri u s-Sur Charles Abela....u zzanzan ghal-festa 1976.

Sa dan it-tant il-ftit flus li kellna bdew nezlin u kwazi spiccaw, imma mill-banda l-ohra konna kuntenti li


KING'S GATE PUB

UNIVERSITY HEIGHTS
TAL-QROQQ

PROP. ALFRED STIVALA

BAR & POOL ROOM

THE IDEAL RESTING PLACE FOR EVERY EVENING

l-ewwel parti tal-progett kienet tlestiet. Kien ikun f' waqtu li nibdew ix-xoghol minn gewwa wkoll, imma minhabba l-problema tal-finanzi dan ma setax isir. Waqqafna kummissjoni zghira biex tghinna norgannizzaw xi attivitajiet, pero' wara ftit taz-zmien din ma komplitx tahdem iktar. Sibna ko-operazzjoni mill-membri tal-Pageant Group li kellna mwaqqaf fil-Parrocca. Dawn bdew jorganizzaw Cents



WAHDA MIS-CENTS STUNTS ORGANIZZATI B'RISQ DAN IX-XOGHOL

Stunt b'risq dan ix-xoghol. Din l-attivita' bdiet issir kull sena, u din ghada ssir sal-lum mill-Kummissjoni Amministrattiva. Il-membri ta' l-Ghaqda Zghazagh Misidjani li qabel kienu fil-Pageant Group, mill-qliegh tas-Cents Stunt kienu xtraw id-deheb li kellu jintuza ghall-induratura tal-koppla. Bdejna naraw xi haga konkreta, beda jfegg xaqq ta' dawl gdid. Kien ghalhekk mehtieg li titiehed decizjoni meta kien ser jinbeda x-xoghol fuq gewwa. Wara diskussjoni twila l-Kummissjoni Amministrattiva ddecidiet li tinghata spinta ghall-gbir tal-fondi, mill-banda l-ohra kellu jsir l-armar tal-koppla fuq gewwa u jinbeda x-xoghol, u jintefqu l-flus li kellna. John Sapiano u Lino Bartolo gew moghtija r-responsabbilta' li jiehdu hsieb dan ix-xoghol. Wara li sar disinn ta' kif ser isir l-armar tal-injam fil-fetha tal-koppla li hija 35' pied diametru. Kellimna lis-Sur Salvu Xuereb tal-Mellieha wiehed mill-aqwa mghallmin fix-xoghol

tal-bini tal-Knejjes f'Malta. Dan accetta li jghinna biex flimkien naghmlu l-armar mehtieg. Kienet bicca xoghol kbira u perikoluza meta wiehed jiftakar fil-gholi tal-post. Bil-ghajnuna t'Alla bdejna nhar is-Sibt 5 ta' Novembru 1977, u dak in-nhar niftakar tellajna hafna njam tqil fuq il-bejt u lestejna kollox biex is-Sibt ta' wara nibdew nohorgu xi haga fuq ic-cinta minn go t-twieqi. Imma s-Sibt ta' wara kien rih qawwi. Komplejna xorta x-xoghol sakemm waqt li konna qeghdin nohorgu wiehed mit-travi l-kbar qabditna x-xita u haslitna hasla nobis. Hawnhekk ta' min jirringrazzja lis-Sur Emm. Grima u s-Sur Salvu Abela li kienu johorgu fuq ic-cinta tal-koppla b'sogru kbir biex ipoggu t-travi f'posthom waqt li ahna konna nghinuhom mit-twieqi. Komplejna, u Sibt wara Sibt, fi zmien disa' gimghat lestejna l-ewwel bicca xoghol. Il-Misidjani meta raw il-koppla mghottija emmnu li bis-serjeta' ser nahdmu fuq dan il-progett.

Lino Bartolo u Carmelo Sciberras hadu l-gbir tal-fondi f'idejhom u hargu bl-ideja li jsibu individwi li jweghdu li jaghtu 50 centezmu fix-xahar b'risq dan ix-xoghol. U hekk sar. Ghamilna lista fil-knisja u konna kuljum innizzlu ismijiet godda. Din l-ideja rrnexxiet. Il-Providenza bdiet tahdem u l-flus bdew dehlin. Ghalhekk mimlijin kuragg tlabna lill-Professur Envin Cremona biex jibda jiehu hsieb biex jaghmel l-abbozzi ghall-pittura, billi l-kumplament tas-saqaf tal-knisja kien maghmul minnu. Hsibna wkoll biex nibdew nahdmu fuq ix-xoghol tal-iskultura. Billi l-arkitettura tal-koppla kienet xi ftit differenti mill-bqija tlabna lis-Sur Guze' Galea tar-Rabat biex jaghmlilna disinn tax-xoghol tal-iskultura. Wara li sar dan id-disinn u saru d-diskussjonijiet mehtiega, qabbadna lill-ahwa Agius tal-Qrendi u dawn bdew ix-xoghol tal-iskultura nhar it-Tnejn


**J&A SUPERMARKET**

PROP. JOE & ALFRED STIVALA
ST. ANDREWS ROAD, ST. ANDREWS
TEL: 33379

The Supermarket for First Class and Quality goods.

General Groceries always in stock, Ham, Bacon, Cheese & Stuffed Olives etc.



WAQT IX-XOGHOL TA' L-ISKULTURA MADWAR IT-TWIEQI

27 ta' Novembru 1978. Bicca xoghol twila u ta' pacenzja, meta wiehed jiftakar li l-gwarnicun tal-koppla huwa 114' pied fic-cirkunferenza. Bil-ftit il-ftit beda jidher ix-xoghol u wara li twahhal xi xoghol tal-pasta mat-twieqi, l-koppla bdiet tiehu xejra ohra. Wara li kellna xi partijiet tal-iskultura lesta ahna ghamilna t-tfarfir necessarju u bdejna nghatu lill-hajt passati ta' zejt u zebgha, biex il-hajt jkun lest ghall-induratura. Billi bqajna ma rcevejna xejn minghand il-Professur Cremona, iddecidejna li niktbulu u nitolbuh li jahseb bis-serjeta' fil-progett taghna. Din ir-risposta ma waslet qatt u ghalhekk iddecidejna li naghmlu konkors ghall-artisti Maltin. Ktibna lill-artisti Raymond Pitré, Pawlu Camilleri Cauchi, Joseph Borg Gauci Aldo Micallef Grimaud u Frank Portelli u tlabnihom biex naraw jekk iridux iressqu l-abbozzi ghax-xoghol tal-pittura. Dawn kellhom iressqu l-abbozzi sa' Gunju 1979 biex dak maghzul jigi muri fil-pubbliku fil-festa li kienet gejja. Wara li gew imressqa tliet abbozzi differenti l-Kappillan Dun Anton Pace, l-Presbiterju Parrokkjali, l-Kummissjoni Amministrattiva kif ukoll diversi esperti ddecidew li jintghazel l-abbozz ta' l-artist Raymond Pitré ghal dik li hi originalita' u espressjoni. Sadanittant qabel ma ssir il-pittura kien hemm bzonn li jsir armar iehor fuq it-tieni cinta tal-koppla. Armar ma kellniex iktar u ghalhekk ridna nahsbu biex nixtru kwantita' ta' njam kif ukoll travi ghal tahthom. L-injam inxtara minghand id-ditta Joseph Pace tal-Marsa u t-travi tal-hadid minn Hal-Qormi. L-ikbar bicca



DEHRA TA'
L-ARMAR
FIL-KOPPLA BIEX
SETGHA JIGI
SKULTURAT
IT-TAMBUR
TAL-KOPPLA

xoghol kienet kif dawn l-imberkin travi tal-hadid kienu ser jigu mtellgha fuq il-bejt minhabba li kienu twal hafna (wiehed 35' pied u tnejn ta' 25' pied il-wiehed) u tqal ukoll. Konna diga' bdejna ninkwetaw ghaliex bzajna li l-ispiza kienet kbira, imma San Guzepp kien qieghed jahseb mod iehor. Mela f'dawk il-jiem ezatt fid-19 ta' Ottubru 1979, kienu qeghdin itellghu l-istatwi fuq il-Monument tal-Haddiem fi Pjazza Palma. Billi l-crane kellu hafna tul, Lino Bartolo mar kellem lill-haddiema biex jara jekk jistghux jtellghu dawn it-travi. Sintendi dawn riedu per-mess mill-imghallem taghhom is-Sur Salvu Meli. Dan meta gie mitlub dan il-pjacir accetta bil-qalb, u qal lil Lino Bartolo biex imur jirranga mad-driver tal-crane u jtellghu kollox. U hekk sar, zammejna hafna traffiku sakemm il-crane seta' jidhol gewwa Parish Street, imma f'hin ta' saghtejn kellna kollox fuq il-bejt. Ghall-hlas ser jahseb ukoll San Guzepp, ghax is-Sur Meli ma ried xejn. Ergajna bdejna narmaw fuq it-tieni cinta, u hawnhekk kellna l-ghajnuna ta' s-Sur Salvu Xuereb u din id-darba dahal ukoll is-Sur Guzep-pi Demanuele. Fi zmien sitt gimghat stajna nibdew nahdmu fuq il-parti ta' fuq ukoll. Salvu Xuereb beda x-xoghol tal-unvjar fl-iskutella tal-koppla minn gewwa u anke t-tikhil taghha. John Sapiano u Lino Bartolo hadu hsieb li jsaqqfu l-anterna biex fiha jkun jista' jinbeda wkoll ix-xoghol. Din giet skulturata, ukoll mkahhla u unvjata fejn hemm bzonn mill-ahwa Agius tal-Qrendi u tlestiet ghall-festa tal-1980. Kif wiehed jista' jara fis-saqaf tal-anterna saret raggiera kbira u f'nofsha tqieghdet xbieha tal-Ispirtu s-Santu xoghol ta' Joe D'Amato taz-Zurrieq. Wara nbeda x-xoghol fuq iz-zebgha taghha ukoll. Mat-twieqi tal-anterna twahhlu

folji tal-fibreglass maghmulin mid-ditta Silvercraft ta' Hal-Ghaxaq, dawn saru biex waqt li jwaqqghu xi ftit tad-dalma, fl-istess hin joholqu dehra iktar mistika matul il-gurnata.

Wara li gie deciz li x-xoghol tal-pittura jinghata lill-artist Raymond Pitré kellna diversi laqghat flimkien specjalment fuq il-post. L-ikbar problema kienet dik tal-flieli li billi huma xi ftit irqaq, l-iskultura go fihom kienet ser tkisser l-ideja tal-pittur li jaghmel xena wahda b'qawwa fil-koppla shiha. Kien hemm diversi suggerimenti fosthom li dawn jitnehhew, jew jinzebghu kulur iehor imma fl-ahhar gie deciz li dawn jiffurmaw parti ntegrali mill-istess suggett tal-pittura. Ghalhekk fl-ahhar wasalna ghall-ftehim mas-Sur Raymond Pitré u sar il-Kuntratt neces-sarju quddiem in-Nutar Joe Brincat tal-Imsida. Mal-kuntratt mill-ewwel beda x-xoghol ghat-twahhil tat-tila. Din inxtrat minghand id-ditta Attard & Co. tal-Belt u giet imwahhla fil-post mis-Sur Maurice Cordina, mghejjun minn diversi persuni ohra. Din twahhlet mal-gebel permezz ta' bjankett genwin mixtri minghand id-ditta Gio Batta Abela tal-Marsa. U hekk f'Mejju beda x-xoghol tal-pittura. Kuljum konna nitilghu u flimkien mal-artist Pitré konna niddiskutu u nargumentaw fuq dan ix-xoghol. Kuljum konna qeghdin naraw tinholoq xi haga gdida f'din ix-xena meraviljuza. Tahlit ta' lwien, figuri ta' gisem enormi, u espressjonijiet li jsahhruk. Maz-zmien meta konna nitilghu hdejn din ix-xena konna nahsbu li uhud mill-figuri minhabba n-naturalezza taghhom kwazi tahsibhom gejjin lejk u jkellmuk. Is-suggett maghzul huwa "San Guzepp fil-Glorja". Ghaliex waqt li fis-saqaf tal-knisja kellna diversi xeni mill-hajja tal-Protet-tur taghna kien jixraq li fl-oghla post ikollna l-glorja tieghu. (Ara t-tifsir dettaljat f'pagna ohra).

CARINI STORES
IMPORTERS OF BATHROOM SUITES &
SANTERNO CERAMIC TILES

435 ST. JOSEPH HIGH ROAD, ST. VENERA
(Under the Arches)

TEL: 40202



DEHRA TAX-XOGHOL KOLLU LI SAR MADWAR
T-TWIEQI TAL-KOPPLA.
TIDHER UKOLL T-TIEQA BIL-HGIEG IKKULURIT.


KENNEDY

*7 MSIDA SEAFRONT, MSIDA*
*TEL: 36522*

*FREE FILM SERVICE*

*TRAVEL AGENCY*

*PHOTOCOPYING BUREAU*



DEHRA TA' PARTI MIX-XOGHOL LI SAR FL-ANTERNA

Wara li kien qieghed isir ix-xoghol tal-pittura komplejna bil-preparamenti l-ohra, ergajna kellimna lis-Sur Guzeppi Galea tar-Rabat u huwa ghamlilna disinn ghat-twieqi ta' madwar it-tambur. Dawn inhadmu mid-ditta Joe Lautier ta' l-Imsida waqt li l-hgieg sar mid-ditta Napoleon Grech ta' tas-Sliema. Erba' twieqi minnhom thallsu minn Joe Lautier, Familja Gallo, Joseph Friggieri, waqt li Napoleon Grech offra l-hgieg ta' tieqa b'xejn. Komplejna bix-xoghol taz-zebgha, u fl-ahhar bdejna l-induratura fil-bidu ta' Frar 1982. Din saret mis-Sur France Xuereb. Ghalhekk meta rajna li x-xoghol ha spinta l-quddiem bdejna nahsbu biex niffissaw data li fiha nkunu nistghu naghmul l-inawgurazzjoni tal-koppla u giet iffissata d-data tat-12 ta' Lulju. Komplejna bix-xoghol u ta' kuljum sa tard fil-ghaxija Louis Chetcuti flimkien ma' Lino Bartolo kienu jibqghu jahdmu jlestu dak li kien baqa'. Wara li saret l-induratura kollha beda x-xoghol tal-isfumar tal-istess skultura, sakemm ftit ftit lestejna x-xoghol kollu. Il-pittur Raymond Pitré lesta mix-xoghol tal-pittura f'nofs ix-xahar ta' Mejju, u wara li sar it-tindif necessarju s-Sibt 5 ta' Gunju 1982 bdejna nzarmaw. Hekk il-holma taghna saret realta'.

Illum waqt li naraw din l-opra komplieta, nharsu lura u nippruvaw niftakru fis-sagrificcji u tahbit li ghaddejna minnhom, kultant nistqarru bla tlaqliq, konna bdejna naq-

tghu qalbna imma dejjem sibna min jinbuttana 'il quddiem u ghamlilna kuragg.

Illum inhossu li ghandna nghidu grazzi l-ewwelnett lil Alla li fil-Providenza kbira Tieghu pprovdilna l-mezzi kollha mehtiega u lil San Guzepp tal-intercessjoni tieghu.

Grazzi mill-qalb tmur lill-benefatturi u Misidjani kollha, li bil-fiducja u bl-ghajnuna finanzjara taghhom seta' jsir dan il-progett.

Grazzi kbira tmur lil Carmelo Sciberras li flimkien ma' Lino Bartolo ikkordina x-xoghol kollu tal-gbir. Is-sens ta' sagrificcju li wera zgur timmeritah l-ikbar ammirazzjoni taghna. Grazzi wkoll lil Maria Gallo u Freddie Falzon ghall-organizzar ta' xi lotteriji u tombli kif ukoll lil Miriam Aquilina, Mary Marshall u Rose Deverson ghall-ghajnuna fil-gbir tal-pledges.

Grazzi lil dawk li fi zmien jew iehor taw l-ghajnuna taghhom fix-xoghol fosthom Charles Sghendo, John Sghendo, Joe Tedesco, Joe Balzan, Clifford Young, Joe Cutajar u Joe Mifsud.

Irridu wkoll illum infakkru lil Misidjani fil-benefatturi Mejtin li l-Mulej sejhilhom qabel ma kienet lesta din l-opra. Emanuel Coleiro, Antonia Coleiro, Carmelo Zammit, Antonio Bonello, Frangiska Agius, Joseph Abela, Guzeppi Gallo, Guzi Zahra, Espedito Taliana, Carmela Taliana, Carmelo Micallef, Guzi Galea. Aghtihom il-mistrieh li jixirqilhom Mulej!

U biex tibqa' mfakkra l-inawgurazzjoni ta' din l-opra l-Kummissjoni Amministrattiva bir-ragun ser torganizza Akkademja li fiha l-Arcisqof ta' Malta Mons. Guzeppi

AVIS

RENT A CAR

50 Msida Seafront, MSIDA Tel: 626640, 24341



DEHRA TA' PARTI MILL-PITTURA TA' L-ARTIST RAYMOND PITRÉ.
DAVID IHARES ICCASSAT FLIMKIEN MAL-LEVITI TAT-TEMPJU LEJN IL-FIGURA TA' SAN GUZEPP

Mercieca jbierek il-koppla. Ser jiehu sehem il-Kor ta' San Giljan flimkien mal-Orkestra. Ghada imbaghad ser isir Pontifikal Solenni ghall-bzonnijiet tal-benefatturi Hajjin u Mejtin minn Mons. Anton Pace ex-Kappillan tal-Parrocca li fi zmienu saret il-parti kbira tax-xoghol u fiha jitkanta t-Te Deum.

Grazzi Mulej, ghaliex illum ghallimtna li min jittama Fik Inti tghinu u tipprovdilu iktar milli jixtieq.

# IL-PITTURA FIL-KOPPLA-TIFSIRA



RAYMOND PITRÉ

L-ARTIST ZAGHZUGH
LI PITTER IL-KOPPLA

**"Vizzjoni ta' San Guzepp fil-glorja tal-Genna"** - din kienet l-ideja fundamentali li l-Pittur RAYMOND PITRÉ ried jisvolgi fix-xoghol tieghu fil-koppla. U rnexxielu. Naraw kif:

Tiddomina **l-figura principali ta' San Guzepp** ikisser l-irbit tal-mewt, iffigurat f'zewg deffiena mghaggla u mmeraviljati b'Guzeppi tiela' s-sema u l-lozor tal-kefen imqatta.

Hafna ghorrief Kattolici jzommu li San Guzepp tela' s-sema bir-ruh u l-gisem u li kien wiehed minn dawk il-qaddisin li rxuxtaw wara l-qawmien ta' Gesu', u li dehru lil bosta fil-Belt Imqaddsa ta' Gerusalem, kif jikteb il-Vangelu ta' San Mattew XXVII v. 53.


*INVESTU FLUSKOM TAJJEB*

*GHALL-BEJGH BI PREZZIJIET IRHAS*

Bicciet ta' Art bil-permess ghall-bini f'diversi nhawi ta' Malta, kif ukoll Djar kompluti minn kollox, jew gebel u saqaf biss, kif ukoll Flats.

IRRIKORRU: *JOHN C. MICALLEF*

163, MARINA WHARF, PIETA'      CEMPLU: 21835, 36620, 43935

*U ZGUR TOHORGU SODISFATTI*

Naraw ukoll lil

**Gesu' u Marija** jitpaxxew bil-figura simpatika u **umli ta' San Guzepp** jarawh tiela' fil-glorja biex jiehu l-hlas ta' missier putattiv ta' Gesu', ta' Kustodju, ta' Marija, ta' Vergni, ta' haddiem, ta' bniedem li heba l-misterju ta' l-inkarnazzjoni biex ikun jista' jitwieled Gesu' u jifdina.



GESÚ U MARIJA


GUIDO'S PHOTO CENTRE

Għall Cine u Ritratti Kulur u Black & White
Għall Tiġijiet, Engagements, Mgħamudijiet, Parties eċċ. eċċ.
Issibu Films, Cameras, Flash Guns, Albums, eċċ. eċċ.
Żviluppar ta' Ritratti Kulur u Black & White

17, MONS FALZON STREET
(BY MSIDA CHURCH)
MSIDA
TELEPHONE 512160

Naraw imbaghad lill-

**Patrijarki jiddiskutu:**

Abraham, Izakk, Gakobb u l-bqija tal-patrijarki kollha kienu joholmu bil-Messija. Kemm xtaqu jarawh. Imma l-patrijarka Guzeppi mhux biss rah, imma ha hsiebu ghal tletin sena shah, hadem u bata ghalih, Rabbieh f'tant ghozza u stima filwaqt li kien Jadurah bhala Alla tieghu.

Dawn il-patrijarki jitghaxxqu u jistghagbu b' Guzeppi ghal din ix-xorti.

Ghandna wkoll lil

**David ihares mistghageb bl-arpa tas-Salmi sserrah mal-Felli.**

Fil-persuna ta' David sultan tal-Lhud hemm migbura d-dinastija Lhudija kollha u bir-ragun kollu. Imma f'David ukoll hemm migbura l-profeti ta' l-Antik Testment li habbru fuq Kristu u l-Knisja Tieghu.


Id-ditta li forniet il-materjal biex giet irrangata l-koppla minn barra, toffri Zebgha REEBDECK li hija Permanent Heavy Duty Roofing Compound, kif ukoll WETEXI, materjal iehor eccellenti biex inehhi l-porozita' tal-Gebla Maltija.

Irrikorru ghand: THE GENERAL TRADING CO. LTD.
303 TRIQ IR-REPUBLIKA, VALLETTA
FUQ WEMBLEY STORES. TEL: 626631, 25148

ITLA' FL-EWWEL SULAR U SSIB KULMA TRID GHALL-GNIEN

FIRM GIO. BATTA ABELA
TRUNK ROAD - MARSA
TEL: 24144

MERCHANTS IN BUILDING MATERIALS
PRINT LAMINATED PLASTIC & HARDWARE
WHOLESALE & RETAIL

Guzeppi kien gej mir-razza tas-Sultan David. Hekk qallu l-Anglu: "Guzeppi Bin David, la tibzax tiehu b' martek lil Marija."

Hdejn David hemm Ghannej tas-Salmi li hu kiteb b' sengha u qdusija kbira.

Hdejh jidher Asaf, wiehed mill-mexxejja tal-kor tal-Leviti. (1 Kron. 16 v. 5).



DAVID



IL-LEVITI

Jidhru wkoll xi

**Leviti ta' l-Antik Testment**

Is-Sacerdozju ta' l-Antik Testment kien xbiha tas-sacerdozju tal-Gdid Testment, sacerdozju aktar perfett, sacerdozju dejjiemi skond l-ordni ta' Melkisedek, mhux biss bhas-sacerdozju ta' Aaron, Abjatar u Sadoq li ntemmu imma bhal tal-Midluk tal-Mulej li jibqa' ghal dejjem!

*MORGAN'S PERFUMED POMADE*

for restoring Grey Hair to its original colour and preventing it turning grey or falling off.

TRADE ENQUIRIES:

JOSEPH CASSAR LTD.
54 MELITA STREET, VALLETTA
TEL: 624510/26908

U mas-Sacerdoti, l-Leviti lebsin l-abjad li jaqdu fit-tempju tal-Mulej skond ir-Religjon Mosajka.

Maghhom, mal-Felli, l-figura zghazghuha ta' Guzeppi Bin Gakobb ihares mistaghgeb lejn dak li tieghu hu x-xbieha.

Hawn il-pittur jghaddi biex jurina l-qdusija kbira ta' San Guzepp u **l-virtujiet li bihom kien imzejjen** permezz ta' xi simboli.

L-akbar fost il-virtujiet huma l-Fidi, t-Tama u l-Imhabba: l-Virtujiet teologali.

**Il-Virtu' tal-Fidi** gghalek temmen aktar milli kieku kellek tara' b'ghajnejk stess. Ghalhekk, din il-parti tal-Koppla, naraw ragel ghama mmexxi minn ommu u mdawwar mill-familja tieghu.



IL-VIRTU'
TAL-FIDI





WATERPROOFING SPECIALISTS

*GUARANTEED FOR FIVE YEARS*

**MASONS CO. LTD.**

MASON'S BUILDING
86 The Strand, Sliema
Tel: 33233 - 511890

*FREE ESTIMATES*

**Il-Virtu' tat-Tama** gghelna nserrhu rasna li Alla jtina dak li weghdna. F'dan il-kwadru naraw missier iserrah idu fuq ibnu - t-Tama tieghu u zghazugh li jitbaxxa jfittex dak li waqghalu mimli tama li jsibu.



IL-VIRTU'
TAT-TAMA

Naraw imbaghad

Familja: Missier, Omm b'tarbija u mdawwrin b'ulied-hom: simbolu car tal-**Virtu' tal-Imhabba.**

Fl-ahharnett, meta thares lejn il-Koppla bhala haga shiha tara l-kulhadd iccassat ihares lejn San Guzepp li kisser l-elementi tal-Mewt u tela' s-Sema fejn qie-ghed jidhol ghalina - uliedu - quddiem Alla.

************


SWIMQUIP

**POSEIDON POOLS INT. LTD**

**167, CONSTITUTION STREET, MOSTA**

Tel: 43141 — 45599

***SWIMMING POOLS CONTRACTORS***

SUPPLIERS OF:
* FILTRATION EQUIPMENT
* CHEMICALS
* ACCESSORIES
* PRE-FABRICATED LINER POOLS




# THE FALCON FORGE

GHAL KULL XOGHOLIJIET TA' TWIEQI TA' L-ALUMINIUM
F'DIVERSI KULURI,
TWIEQI TAL-HADID IGGALVANIZZATI,
HADID GHAT-TARAG, ETC., ETC.

Ejja ghandna u tohrog sodisfatt zgur
Assortiment kbir ta' Disinji u Qisien,
ipprovduti flimkien ma' Xoghol Tajjeb u ta' Malajr.

Irrikorru: THE FALCON FORGE
PROP. JOE LAUTIER

TOWER STREET, MSIDA
TEL: 42099



DISINN: JOE CASSAR

MAHRUG MILL-KUMMISSJONI AMMINISTRATTIVA